Minuti tal-erbgħa u għoxrin laqgħa tas-seba' Kunsill Lokali l-Gudja li ġiet imsejjħa fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali Il-Gudja nhar il-Ħamis 20 ta' Marzu 2014 fis-5.45pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti:- | Sindku | John Mary Calleja |
| | Kunsillieri: | Mark Anthony Sammut, Demelsa Grech u Stefan Caruana |
| | Ambaxxatriċi: | Melanie Bugeja |
| | Segretarju Eżekuttiv: | Joseph M. Formosa |
| Skużat*:- | Viċi Sindku | Romeo Baldacchino |

**<u>Aġenda:-</u>**

1. Approvazzjoni ta' minuti:-
    a. Minuti 22/7 – 20 ta' Frar 2014
    b. Minuti 23/7 – 24 ta' Frar 2014

2. Kommunikazzjonijiet:-
    a. Sindku
    b. Kommunikazzjonijiet dwar xogħol tad-dekasteri:
        i. Viċi-Sindku
        ii. Kunsillieri
    c. Korrispondenza

3. Rapporti:-
    a. Ilmenti

4. Ħatra – Bord tal-Għażla li tinkludi persuna mill-pubbliku dwar l-aġġudikazzjoni ta' tenders

5. Xogħlijiet u Progress:-
    a. Toroq oħra:- Triq Hal Safi u Triq Birżebbuġa.
    b. Sqaqien qalb l-għelieqi – skema finanzjament – Post ta' rikreazzjoni

6. UIF - Ġnien Raymond Caruana – Progress u Kontijiet

7. Minuti – Laqgħa Pubblika – 20/02/2014

8. Estimi Finanzjarji 2014

9. Finanzi:-
    a. Petty Cash;
    b. Skeda ta' Pagamenti;
    c. Talbiet għal xiri u xogħlijiet

10. Għeluq tal-laqgħa u aġġornament

***Ftuħ tal-laqgħa***

Il-laqgħa bdiet fis-5.50pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

*Mal-ftuħ tal-laqgħa is-Segretarju Eżekuttiv informa lis-Sindku u lill-Kunsillieri preżenti illi huwa kien irċieva kommunikat permezz ta' imejl mingħand il-Viċi Sindku s-Sur Romeo Baldacchino illi s-Sur Baldacchino ma kienx se jattendi għal din il-laqgħa f'dan l-uffiċċju, peress li rapport dwar is-soqfa kien għadu mhux lest.

Kopja ta' din l-imejl sejra tkun parti integrali ta' dawn il-minuti u immarkata dok RB1.

Il-Kunsill qabel unanimament illi fiċ-ċirkustanzi s-Sur Baldacchino għandu jiġi skużat u għall-mertu tal-attendenza/onorarja biss għandu jiġi kkonsidrat daqs li kieku kien preżenti.

**1.0 Approvazzjoni ta' minuti:-**

**a. Minuti 22/7 – 20 ta' Frar 2014**

**b. Minuti 23/7 – 24 ta' Frar 2014**

1.1 Dawn il-minuti li ġew ċirkulati għand is-Sindku, l-Viċi Sindku u l-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa, ġew meħuda bħal moqrija u peress li ma kienx hemm korrezzjonijiet, dawn il-minuti ġew approvati nem con.

**2.0 Kommunikazzjonijiet**

2.1 Sindku

2.1.1 Terrapin fi Triq Birżebbuġa, il-Gudja. Is-Sindku qal li dan qed jitneħħa u fi żmien qasir sejjer jiġi mnaddaf kompletament.

2.1.2 Xogħol ta' tindif f'postijiet mhux urbani. Is-Sindku qal li saru bosta xogħlijiet ta' qtugħ ta' ħaxix ħażin f'bosta inħawi mhux urbani u dan sar bil-ħaddiema assenjati mal-Kunsill.

2.1.3 Xogħol ta' patching. Is-Sindku qal li saru bosta xogħlijiet ta' patching f'bosta toroq kif kien meħtieġ u dan sar bil-ħaddiema assenjati mal-Kunsill filwaqt li l-Kunsill xtara l-cold asphalt u sealer u sar użu tal-van mikri mill-Kunsill.

Is-Sindku qal li kull meta qed jinkera l-van il-kunsillieri kollha qed jiġu nfurmati dwar dan u dwar ix-xogħlijeit li għalihom ikun sejjer jinkera l-istess van.

Is-Sindku talab lill-Kunsillieri kollha illi jekk ikollhom informazzjoni/talba dwar xi xogħlijiet ta' manutenzjoni fit-toroq dawn għandhom jinfurmawh dwar dan sabiex peress li jidher li t-temp qed jippermetti ix-xogħlijiet ikunu jistgħu jidħlu fil-programm ta' xogħlijiet tal-Kunsill u jsiru skont il-prijorita meħtieġa.

2.1.4 Kiri ta' Van. Is-Sindku qal li jidher li l-użu tal-van qed ikun frekwenti u din qed tfisser spiża għall-Kunsill u għalkemm huwa jinforma lill-Kunsill dwar ix-xogħlijiet li dwarhom ikun hemm il-ħtieġa tal-kiri tal-istess van, il-Kunsill għandu jikkonsidra li qed jiġu ffrankati spejjeż oħra rigward pagamenti lill-kuntratturi u għalhekk huwa ġustifikat li jinxtara van għal użu tal-Kunsill.

Saret diskussjoni qasira u sar qbil li għaż-żmien li ġej il-Kunsill għandu jibqa bl-arranġament preżenti dwar il-kiri tal-van għall-użu tal-Kunsill kif u meta dan ikun meħtieġ.

2.1.5 Parking fi Triq Santa Marija ma' Triq Bur Ġlat, il-Gudja. Is-Sindku qal li qed ikollu diversi talbiet dwar in-nuqqas ta' parking f'dawn l-inħawi u għalhekk ġie indikat li jistgħu jinħolqu żewġ spazji minn fejn jispiċċa d-double yellow line fl-istess inħawi

u b'hekk ma jkunx hemm lok li jkun hemm parking diżordinat u r-riskju li anke jintrifess l-istess double yellow line.

Il-Kunsill qabel dwar dan u għalhekk sejrin issiru żewġ kaxxi bojod bil-ħsieb li jkun hemm ipparkjar aħjar.

2.1.6 Stat ta-soqfa tal-bini fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill fit-tieni sular. Is-Sindku qal li ftit tal-ħin qabel bdiet il-laqgħa huwa ġie infurmat mis-Segretarju Eżekuttiv illi l-Perit Audrey Ann Bonnici kienet għada kemm bagħtet rapport preliminari dwar l-istat ta' soqfa/travi wara li fl-istess jum hija ġiet il-Kunsill sabiex tagħmel l-ispezzjoni meħtieġa fuq talba tal-Kunsill.

Kopja ta' dan ir-rapport preliminari tqassmet lill Kunsilliera kollha preżenti u sejra tkun parti integrali ma' dawn il-minuti u mmarkata Dok AB1.

Is-Sindku qal illi bħal prekawzzjoni u sabiex il-ħsarat fil-bini ma jkomplux jikbru, l-fanal li kien hemm imwaħħal fuq il-wires li żżaqqu u li kienu imwaħlin mal-kantuniera/xewka tal-bini (li qed turi sinjal ta' ħsara) u liema wires li kien qed iġorru l-piż tqil tal-fanal u li kienu qed jaqsmu għan-naħa l-oħra ta' Triq Raymond Caruana, ġie maqlugħ bil-wires b'kollox.

Ġie osservat ukoll illi xi tikħil kien ukoll qed jaqa minn madwar it-travi u jekk dan ikompli jkun ta' periklu u għalhekk fejn ikun qed jidher li dan it-tiħkil sejjer jaqa, dan għandu jinqala qabel ma jaqa u jitneħħa l-periklu.

Saret diskussjoni dwar il-qagħda preżenti u dwar l-importanza tal-ħarsin tal-persuni kemm dawk li jaħdmu fil-Kunsill kif ukoll ta' kull min jiġi l-Kunsill għal xi servizz.

Waqt din id-diskussjoni, ġie indikat ukoll li r-rapport tal-Perit Bonnici għalkemm preliminari, juri li hemm ħsarat u dan jista' iwassal li jinħolqu inċidenti serji u għalkemm ma hemmx xi ċertezza meta dan jista' isseħħ huwa fl-interess tal-Kunsill li ma jaffaċjax ir-riskju li jsta' jkun serju.

Il-Kunsill ġie wkoll infurmat li l-Perit Bonnici kienet ukoll sejra tikkonsulta ma' Structure Engineer qabel ma' tagħmel ir-rapport finali.

Is-Sindku qal li huwa kien ukoll sejjer isejjaħ b'mod immedjat ħaddiema tas-sengħa u esperjenza sabiex anke huma stess ikunu jistgħu jagħtu l-pariri dwar il-qagħda preżenti tal-ħsarat kif ukoll dwar ix-xogħol ta' tiswija meħtieġa.

Wara din id-diskussjoni ġie deċiż illi l-Kunsill għandu jgħaddi r-rapport preliminari tal-Perit Bonnici lill-Perit tal-Pulizija, lill-Kummissarju tal-Pulizija, lis-Segretarju Parlamentari Jose' Herrera lid-Direttur tal-Gvern Lokali u l-uffiċċju tal-Prim Ministru sabiex filwaqt li tinġibed l-attenzjoni dwar il-qagħda preżeti tinkiseb ukoll l-għajnuna għat-tiswija meħtieġa.

Il-Kunsill wera t-tħassib tiegħu dwar il-qagħda preżenti u għalkemm jifhem bl-inkonvenjent li jista' jinħoloq il-Kunsill għandu jfittex lok alternattiv fuq bażi temporanja u dan fl-iqsar żmien possibli. Ġie deċiż li sakemm ma jkunx hemm post ieħor dan is-servizz jibda jingħata mill-Librerija li hemm ġewwa l-iSkola Primarja tal-Gudja.

2.1.7 Xogħol dwar Ġnien Raymond Caruana u l-inħawi tal-grawnd biswit ta' Bettina. Is-Sindku fakkar illi l-Kunsill diġa għamel t-talbiet tiegħu lill-awtoritajiet u riċentament

kellu ukoll kuntatti mal-uffiċjali tad-Dipartiment tal-Infrastruttura sabiex jingħata bidu għax-xogħlijiet skont il-prijorita tagħhom.

Is-Sindku qal li ġie imwiegħed li dan il-pjan ta' ħidma jingħata lill-Kunsill fi ftit żmien.

2.1.8 Ħarġa – Akkwarju Internazzjonali ta' Malta – 19 ta' Marzu 2014. Is-Sindku qal li għalkemm osserva xi nuqqasijiet żgħar, huwa jħossu sodisfatt li ġew ħafna nies u li din l-attivita' kienet suċċess għax in-nies ħarġu sodisfatti b'din il-ħarġa, li l-Kunsill laħaq l-għan tiegħu li jkun ta' servizz soċjali u edukattiv għar-residenti tal-Gudja.

2.1.9 Ħarġa għal Sqallija. Is-Sindku qal li kien sejjer jagħmel kuntatt mal-Viċi-Sindku R. Baldacchino dwar il-progress u l-ippjanar ta' din il-ħarġa. Is-Sindku qal li din il-ħarġa tista' ssir għall-aħħar t'April/bidu ta' Mejju 2014 meta l-kumpanija Virtu Ferries tkun qed tagħti prezzijiet ridotti.

2.1.10 Double yellow line fil-kisra ta' Triq Bettina, il-Gudja. Is-Sindku qal li jinsab infurmat illi dan il-yellow line ġie miżdud u jekk jirriżulta li dan sar minn persuna jew persuni mhux awtorizzati din iż-żieda sejra tiġi mħassra mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma' dak li qal is-Sindku f'dan ir-rigward.

2.2.0 Kommunikazzjonijiet dwar xogħol tad-dekasteri

2.2.1 Viċi-Sindku - skużat

2.2.2 Kunsillieri

a. Mark Anthony Sammut

i. Kors ta' Pilates u ieħor tal-Aerobics. Is-Sur Sammut qal li kienu sejrin issiru dawn il-korsijiet ta' edukazzjoni fiżika u sportiva li urew li huma popolari ħafna man-nies tal-Gudja.

Il-Kunsill sejjer iħallas €200.00 għal kull kors u min sejjer jattendi jħallas €10.00 lill-Kunsill sabiex jiġbor parti mill-ispejjeż u min japplika jagħmel kummitment li jattendi.

ii. Vot 16 – Ambaxxatriċi Melanie Bugeja. Is-Sur Sammut qal li kien diġa sar ir-rapport tal-Ambaxxatriċi u stieden lis-Sindku sabiex jagħmel ir-rapport tiegħu dwar dan.

b. Demelsa Grech

i. Ħarġa – Akkwarju Internazzjonali ta' Malta – 19 ta' Marzu 2014. Ms. Grech qalet li fil-fehma tagħha din il-ħarġa kienet suċċes u li laħqet l-għanijiet kemm edukattivi kif ukoll soċjali. Ms. Grech irringrazzjat kemm l-amministrazzjoni tal-Kunsill, lis-Sindku u l-Kunsillieri kollha li kkollaboraw u ħadmu sabiex din il-ħarġa tkun suċċess b'risq ir-residenti tal-Gudja.

ii. Kors tal-kompjuter – Ikids. Ms. Grech fakkret li dan il-kors għandu jibda fis-Sajf u peress li l-Kunsill kien inkluda dan fil-ftehim mat-TCTC dan sejjer ikun bla ħlas.

iii. Relazzjoni mal-Pulizija. Ms. Grech ġibdet l-attenzjoni illi tinnota li mhux qed ikun hemm laqgħat mal-Pulizija, speċjalment dwar il-vjolenza

domestika. Is-Sindku wieġeb illi kien infurmat illi minħabba bidla ta' xi uffiċjali fil-korp tal-Pulizija huwa kien qed jistenna li jiġu stabbiliti l-uffiċjali inkarigati u jkun jista' jsir arranġament sabiex uffiċjali tal-Pulizija jiltaqgħu mal-Kunsill u jindirizzaw is-suġġetti meħtieġa u ta' interess għall-Kunsill.

iv. GAL Xlokk – applikazzjoni għall-fondi €7600 dwar il-Proġett Tourist Hub. Ms. Grech qalet li l-Kunsill kien qiegħed fil-fażi li jiffinalizza l-applikazzjoni tiegħu dwar dan il-proġett.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi s-Sur Christian Salerno, Manager tal-GAL Xlokk, permezz ta' telefonata, kien infurmah illi jekk il-Kunsill Lokali l-Gudja ma jħallasx is-somma ta' €5000.00 bħala membership fee tal-GAL Xlokk, u dan kif ukoll stabbilit mill-Agenzija dwar il-Pagamenti, dan il-proġett u proġetti oħra ma jkunux jistgħu jiġu konsidrat għall-fondi tal-GAL Xlokk.

Saret diskussjoni dwar li l-Kunsill ma kienx ibbaġitja għal din in-nefqa u dwar kemm din hija talba ġusta. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li huwa jinsab infurmat mis-Sur Christian Salerno li l-Kunsilli l-oħra membri tal-Gal Xlokk, kollha kienu ħalsu din il-membership fee li hija ta' €1000.00 għal kull kunsillier fil-Kunsill rispettiv membri tal-GAL Xlokk.

Il-Kunsill iddeċieda li din it-talba għal ħlas ta' €5000.00 għandha ssir mill-GAL Xlokk b'mod formali u li din tiġi konfermata sew mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, l-Aġenzija tal-Pagamenti u l-Awtidtur Nazzjonali sabiex jigi evitat li ma jkunx hemm xi ekwivoku peress li l-GAL Xlokk tħaddem flus mill-fondi ewropew u huwa maħsub li din l-Aġenzija tingħata fondi mill-Ewropa dwar l-amministrazzjoni tagħha.

Il-Kunsill qabel li jerġa jikkonsdra din it-talba fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill meta tinkiseb aktar tagħrif dwar il-ġustifikazzjoni tal-pagament ta' €5000.00 u dwar ir-ritorn li jista jikseb il-Kunsill jekk u meta jagħmel dan il-pagament ta' €5000.00.

c. Stefan Caruana

i. Żjara minn turisti speċjalizati minn diversi pajjiżi - Kunċert 'The Seven Last Words of Christ' minn Caravaggio String Quartet - Attivita nhar it-Tnejn 24 ta' Marzu 2014, ġewwa l-Kappella ta' Bir Miftuħ. Is-Sur Caruana fakkar f'din l-attivita' u filwaqt li stieden il-parteċipazjoni kemm tas-Sindku, il-Kunsillieri kollha, kif ukoll tal-ħbieb u qraba għal dan il-kunċert qal ukoll li din l-attivita għandha l-għan li jkompli jinseġ l-ħidma kulturali u aspett turistiku tal-Kunsill. Din l-attivita sejra testendi żjara fix-xelter tal-Kunsill, mawra fil-Life Long Learning Centre kif ukoll kunċert fil-Kappella ta' Bir Miftuħ.

Is-Sur Caruana qal li dan il-grupp li mhux l-ewwel wieħed, sejjer jagħmel mawra tiegħu fil-Gudja bl-użu tax-xarabank l-antika tal-Gudja li kellha nurmu 08 u bil-kulur oriġinali tagħha.

Il-Kunsill qabel ukoll illi din ix-xarabank sejra titħallas mill-kunsill għaliex din fiha valur anke għall-Kunsill.

ii. Laqgħa dwar il-kultura. Is-Sur Caruana qal li kellu laqgħa mal-Awtoritajiet kompetenti fejn intwera interess dwar il-proġett "Erba' Staġuni".

iii. Festa Rebbiegħa – 26 t'April 2014. Is-Sur Caruana qal li din l-attivita' hija ferm ta' interess u qed jippjana sewwa u jistieden il-parteċipazzjoni ta' kulħadd f'din l-attivita għaliex b'hekk il-Gudja tkun ukoll tista tikseb aktar għarfien fil-qasam kulturali.

Is-Sur Caruana qal li waqt il-laqgħa mal-Awtoritajiet huwa kiseb informazzjoni dwar l-għajnuna li jista' jingħata l-Kunsill u n-networking li jista' jinħoloq qalb il-parteċipazzjoni u dwar kif l-attivitajiet ġewwa l-Gudja jiġbru aktar nies lejhom permezz tal-media u dan ikun ta' benefiċju għall-Gudja u l-patrimonju kulturali tal-Gudja, ikun jista' jiġi apprezzat aktar.

2.3.0 Korrispondenza

2.3.1 Il-Kunsill ħa konjuzjoni tal-korrispondenza kemm dik li rċieva kif ukoll dak li intbagħat mill-Kunsill u qabel li jkompli jsegwi fl-aħjar interess tal-Kunsill.

## 3.0 <u>Rapporti</u>

3.1.0 Ilmenti

3.1.1 Il-Kunsill ħa konjuzjoni tal-ilmenti li rċieva l-Kunsill u ħa konjuzjoni dwar kif il-Kunsill wieġeb u jaġixxi sabiex dawn l-ilment jiġu konsidrati fl-aqsar ħinpossibli għas-sodisfazzjoni għal kull min ikun għamel ilment jew xi forma ta' kumment u rakkomandazzjoni.

## 4.0 <u>Ħatra – Bord tal-Għażla li tinkludi persuna mill-pubbliku dwar l-aġġudikazzjoni ta' tenders</u>

4.1 Il-Kunsill ġie infurmat illi s-Sur Pierre Mizzi aċċetta li jkun parti mis-Sotto Kumitat tal-Aġġudikazzjoni tal-offerti u rringrazzja lill-Kunsill għal fiduċja li wera fih. Il-Kunsill qabel li fi żmien qasir tissejjaħ laqgħa b'urġenza tal-Kunsill inkluż ukoll is-Sur Pierre Mizzi sabiex issir l-għażla finali ta' dawn iż-żewġ offerti.

a. Cleaning of non urban roads
b. Provision of open skips

## 5. 0 <u>Xogħlijiet u Progress</u>

5.1 Toroq oħra:- Triq Hal Safi u Triq Birżebbuġa.

Il-Kunsill qabel li jinsisti sabiex il-Perit tal-Kunsill tagħmel ir-rapporti meħtieġa sabiex jissejjaħ coordination meeting u jingħata bidu dwar dawn ix-xogħlijiet kif meħtieġ.

5.2 Sqaqien qalb l-għelieqi – skema finanzjament – Post ta' rikreazzjoni. Il-Kunsill qabel li jkompli jitlob lil Perit tal-Kunsill sabiex tagħmel ir-rapporti meħtieġa u li għandhom jiġi għal konsiderazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jkompli jeżegwixxi skont ir-rapport tal-Perit Bonnici sabiex jitwettaq ix-xogħol u jinkisbu l-fondi kif diġa mwegħda lill-Kunsill.

## 6.0 <u>UIF - Ġnien Raymond Caruana – Progress u Kontijiet</u>

6.1 Il-Kunsill ġie infurmat dwar ix-xogħol diġa ġie ċċertifikat mill-Perit William Lewis u l-Kunsill għamel talba lill UIF sabiex jikseb il-fondi ta' €46004.46 kif miftiehem mal-MEPA taħt l-iskema tal-UIF.

## 7.0 Minuti – Laqgħa Pubblika – 20/02/2014

7.1 Dawn il-minuti ġew preżentati u approvati waqt din l-istess laqgħa u l-Kunsill qabel li dawn l-istess minuti jagħmlu wkoll parti minn dawn il-minuti u markati LP1.

Il-Kunsill ħa wkoll konjuzjoni ta' dak li ntqal waqt din il-laqgħa pubblika li saret fl-20 ta' Frar 2014 u qabel li jaġixxi skont ix-xewqat ta' dawk preżenti skont il-ħtieġa, prijorita u fl-ambitu tal-liġi u proċeduri stabbiliti.

## 8.0 Estimi Finanzjarji 2014

8.1 Il-Kunsill ħa konjuzjoni li dawn l-estimi finanzjarji kienu ġew approvati waqt il-laqgħa pubblika u għalhekk dawn ġew ukoll approvati u addottati mill-Kunsill u b'hekk i-ħidma tal-Kunsill fuq bażi finanzjarja għandha timxi mal-linji u indikazzjoni tal-baġit kif ġie approvat.

## 9.0 Finanzi

9.1 Petty Cash. Il-Kunsill approva n-nefqa ta' €45.76 għax-xahar ta' Frar 2014

9.2 Skeda ta' Pagamenti. L-iskeda ta' pagamenti nru 11/7 għax-xahar ta' Frar 2014 għas-somma ta' €15931.56, ġiet approvata nem con.

9.3.0 Talbiet għal xiri u xogħlijiet.

9.3.1 Xiri ta' cold asphalt. Fuq rakkomandazzjoni tas-Sindku, il-Kunsill qabel u approva li jinxtraw sittin borża cold asphalt u sealer relattiv sabiex jitkompla x-xogħol ta' patching f' diversi toroq ġewwa l-Gudja.

9.3.2 Siġġu għall-uffiċċju tas-Sindku. Il-Kunsill qabel li jinxtara siġġu għall-uffiċċju tas-Sindku.

9.3.3 Il-Kunsill approva ukoll ix-xiri ta' servizzi u materjal ieħor kif indikati ukoll aktar il-fuq f'dawn l-istess minuti u qabel li jagħmel il-finanzjament skont il-proċeduri stabbiliti.

## 10.0 Għeluq tal-laqgħa u aġġornament

10.1 Peress li t-temi kollha ta' fuq l-agenda ġew eżawriti s-Sindku għalaq il-laqgħa fit-7.35pm u aġġorna għal Ħamis 24 t'April 2014 fis-5.45pm fuq Agenda li tiġi ċirkulata aktar il-quddiem qabel il-laqgħa.

Joseph M. Formosa John-Mary Calleja
Segretarju Eżekuttiv Sindku

Approvati:-